WITH reference to Government Notice No. 667 dated 26th July, 2002, under the title 'Renumbering of doors at Ħal Luqa', the following amendments in **bold** should be made.

ĦAL LUQA

5. TRIQ L-ASTUN ISWED

In-naħa tax-xellug meta tidħol minn Triq Ħal Qormi

Left side entering from Triq Ħal Qormi

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*
85, Dar il-Hena	1
Garaxx	3
Garaxx	5
Bieb ta' wara	7

In-naħa tal-lemin meta tidħol minn Triq Ħal Qormi

Right side entering from Triq Ħal Qormi

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*

għandhom jinqraw
should read

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*	Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*
1, Dar il-Hena	1		
Brown Swiss	**3**		
Garaxx	**5**		
Dahla ghall-garaxxijiet	**7**		

29. TRIQ L-ISTURNELL ROŻA

In-naħa tax-xellug meta tidħol minn Triq l-Astun Iswed

Left side entering from Triq l-Astun Iswed

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*
81, Hilltop Ville	1
Garaxx	3
82, Almaur Lodge	5

In-naħa tal-lemin meta tidħol minn Triq l-Astun Iswed

Right side entering from Triq l-Astun Iswed

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*

għandhom jinqraw
should read

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*	Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*
Bieb bla numru (Dar)	**1**		
Hilltop Court	**1A**		
3 (Garaxx)	3		
5, Almaur Lodge	5		

It-3 ta' Settembru, 2021

Nru. 1180

NUMRI ĠODDA TA' BIBIEN FL-IMĠARR

Emendi

B'RIFERENZA għan-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 743 tad-19 ta' Ġunju, 2018, taħt it-titlu 'Numri ġodda ta' bibien fl-Imġarr', għandhom isiru dawn l-emendi kif indikati b'tipi **grassi**.

3rd September, 2021

No. 1180

NUMBERING OF DOORS AT L-IMĠARR

Amendments

WITH reference to Government Notice No. 743 dated 19th June, 2018, under the title 'Renumbering of doors at L-Imġarr', the following amendments in **bold** should be made.

L-IMĠARR

TRIQ IL-FUĦĦAR L-AĦMAR

In-naħa tax-xellug meta tidħol minn Triq Ġnien id-Dwieli

Left side entering from Triq Ġnien id-Dwieli

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*
White Sands	123
Sit bla bini	125
Bieb bla numru (Dar)	127
27B (Garaxx)	129
29	131

In-naħa tal-lemin meta tidħol minn Triq Ġnien id-Dwieli

Right side entering from Triq Ġnien id-Dwieli

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*

għandhom jinqraw
should read

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*	Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*
123, White Sands	123		
The Quail Flats	**125**		
127	127		
131	131		

* In-numru 129 mhux se jintuża peress li nfetħu inqas bibien milli kien hemm mibni oriġinarjament

It-3 ta' Settembru, 2021

Nru. 1181

NUMRI ĠODDA TA' BIBIEN FIL-MOSTA

Emendi

B'RIFERENZA għan-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 785 tal-14 ta' Settembru, 2001, taħt it-titlu 'Numri ġodda ta' bibien fil-Mosta', għandhom isiru dawn l-emendi kif indikati b'tipi **grassi**.

3rd September, 2021

No. 1181

NUMBERING OF DOORS AT IL-MOSTA

Amendments

WITH reference to Government Notice No. 785 dated 14th September, 2001, under the title 'Renumbering of doors at Il-Mosta', the following amendments in **bold** should be made.

IL-MOSTA

TRIQ PATRI ĠUŻÈ DELIA

In-naħa tax-xellug meta tidħol minn Triq il-Beżbiżija

Left side entering from Triq il-Beżbiżija

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*

In-naħa tal-lemin meta tidħol minn Triq il-Beżbiżija

Right side entering from Triq il-Beżbiżija

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*
Bini qed jinbena (Dar)	18
Sit bla bini	20-30
Garaxx	32
Il-Midra	34

għandhom jinqraw
should read

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*	Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*
		18, **J'Adore**	18
		Garaxx	**20**
		Midnight Block	**22**
		Garaxx	**24**
		32 (Garaxx)	32
		34	34

* In-numri 26, 28 u 30 mhux se jintużaw peress li nfetħu inqas bibien milli kien hemm maħsub oriġinarjament

It-3 ta' Settembru, 2021

3rd September, 2021

Nru. 1182

NUMRI ĠODDA TA' BIBIEN FIS-SIĠĠIEWI

Prolungament

B'RIFERENZA għan-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 632, tas-27 ta' Awwissu, 1999, taħt it-titlu 'Numri ġodda ta' bibien fis-Siġġiewi', għandu jsir dan il-prolungament kif indikat b'tipi **grassi**.

No. 1182

NUMBERING OF DOORS AT IS-SIĠĠIEWI

Prolongation

WITH reference to Government Notice No. 632, dated 27th August, 1999, under the title 'Renumbering of doors at Is-Siġġiewi', the following prolongation in **bold** should be made.

IS-SIĠĠIEWI

18. TRIQ IL-GIRGENTI

In-naħa tax-xellug meta tidħol minn Triq Blat il-Qamar

Left side entering from Triq Blat il-Qamar

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*

In-naħa tal-lemin meta tidħol minn Triq Blat il-Qamar

Right side entering from Triq Blat il-Qamar

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*
Garaxx	70

għandhom jiżdiedu
should be added

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*
Sunrise Flats	**72**
Avondale Heights	**74**
Bieb bla numru	**76**
Samoyed	**78**

It-3 ta' Settembru, 2021

3rd September, 2021

Nru. 1183

NUMRI ĠODDA TA' BIBIEN FIŻ-ŻURRIEQ

Korrezzjoni

B'RIFERENZA għan-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 1090, tal-10 ta' Awwissu, 2021, taħt it-titlu 'Numri ġodda ta' bibien fiż-Żurrieq', għandha ssir din il-korrezzjoni kif indikata b'tipi **grassi**.

No. 1183

NUMBERING OF DOORS AT IŻ-ŻURRIEQ

Correction

WITH reference to Government Notice No. 1090, dated 10th August, 2021, under the title 'Renumbering of doors at Iż-Żurrieq', the following correction in **bold** should be made.

IŻ-ŻURRIEQ

40. TRIQ SAN ĠORĠ

In-naħa tax-xellug meta tidħol minn Triq il-Kbira

Left side entering from Triq il-Kbira

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*
19	19
Garaxx	21
Ta' Kampanaru	21A
Bieb bla numru	23
25, Ta' Karmenu	25

In-naħa tal-lemin meta tidħol minn Triq il-Kbira

Right side entering from Triq il-Kbira

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*

għandhom jinqraw
should read

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*	Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*
19	19		
21 (Bieb tal-ġenb)	**21**		
Garaxx	**23**		
Ta' Kampanaru	**23A**		
Bieb bla numru	**23B**		
25, **Ta' Karmenu**	**25**		

It-3 ta' Settembru, 2021

AVVIŻ TAL-PULIZIJA

Nru. 52

Il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf li skont l-Avviż Legali 94/97 it-toroq hawn taħt imsemmija se jiġu kklassifikati bħala Żoni ta' Rmonk fid-dati u l-ħinijiet kif indikat hawn taħt.

Bis-saħħa tal-Artikolu 52(1) tal-Ordinanza dwar ir-Regolamenti tat-Traffiku (Kap. 65), il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf illi l-vetturi tas-sewqan ma jkunux jistgħu jgħaddu jew jiddawru mit-toroq imsemmija hawn taħt fid-dati u l-ħinijiet indikati.

Ħ'Attard

Nhar it-Tlieta, 14 ta' Settembru, 2021, bejn nofsinhar u l-10.00 p.m., fil-parkeġġ ta' ħdejn il-knisja parrokkjali.

Ix-Xagħra, Għawdex

Nhar is-Sibt, 4 ta' Settembru, 2021, bejn it-8.30 p.m u l-11.30 p.m. minn Triq Wied tal-Għejjun.

Vetturi li jiksru l-ordni ta' dan l-avviż ikunu suġġetti li jiġu rmunkati.

It-3 ta' Settembru, 2021

AVVIŻ TAL-PULIZIJA

Nru. 53

Il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf li skont l-Avviż Legali 101/97 it-toroq li jidhru hawn taħt se jiġu kklassifikati bħala tow zones, hekk kif indikat.

3rd September, 2021

POLICE NOTICE

No. 52

The Commissioner of Police hereby notifies that in terms of L.N. 94/97 the streets listed hereunder are to be classified as Tow Zones as indicated hereunder on the dates and times indicated.

In virtue of Article 52(1) of the Traffic Regulations Ordinance (Cap. 65), the Commissioner of Police hereby notifies that the transit of vehicles through the streets mentioned hereunder will be suspended or deviated on the dates and times indicated.

Ħ'Attard

On Tuesday, 14th September, 2021, between noon and 10.00 p.m., at the parking near the parish church.

Xagħra, Gozo

On Saturday, 4th September, 2021, between 8.30 p.m. and 11.30 p.m. through Triq Wied tal-Għejjun.

Vehicles found in contravention to the order of this notice are liable to be towed.

3rd September, 2021

POLICE NOTICE

No. 53

The Commissioner of Police hereby notifies that in terms of Legal Notice 101/97 the streets listed hereunder are to be classified as tow zones on the dates and times indicated.

Bis-saħħa tal-Artikolu 52(1) tal-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku (Kap. 65), il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf li l-passaġġ u t-twaqqif ta' vetturi huwa pprojbit fit-toroq imsemmija hawn taħt fid-dati u ħinijiet indikati.

Raħal Ġdid

Nhar il-Erbgħa, 15 ta' Settembru, 2021, bejn is-2.00 p.m. u d-9.00 p.m., minn Triq Ġużè D'Amato (in-naħa tal-BOV) kantuniera ma' Triq il-Lampuka.

Il-Furjana

Nhar is-Sibt, 18 ta' Settembru, 2021, mis-6.00 a.m. sas-1.00 a.m. tat-Tlieta, 21 ta' Settembru, 2021, minn Triq San Publju minn Triq l-Assedju l-Kbir sa Triq il-Miratur.

Marsaskala

Nhar is-Sibt, 4 ta' Settembru, 2021, mit-3.00 p.m. 'il quddiem, minn Pjazza Dun Tarċis Agius.

Vetturi li jiksru l-ordni ta' dan l-avviż ikunu suġġetti li jiġu rmunkati.

It-3 ta' Settembru, 2021

AVVIŻ TAL-PULIZIJA

Nru. 54

Bis-saħħa tal-Artikolu 52(1) tal-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku (Kap. 65), il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf illi l-vetturi ma jkunux jistgħu jgħaddu mit-toroq imsemmija hawn taħt fid-dati u l-ħinijiet indikati.

L-Imqabba

Nhar il-Ħadd, 26 ta' Settembru, 2021, mis-6.00 p.m. sat-3.30 p.m., minn Triq Santa Marija qrib il-Palazz Gollcher (Tneħħija ta' 8-10 postijiet ta'parkeġġ).

Trasport pubbliku mhux se jiġi affettwat.

Iż-Żurrieq

Sas-6.00 a.m. tas-Sibt, 4 ta' Settembru, 2021, minn Misraħ Repubblika, Triq San Mikiel kantuniera ma' Misraħ Repubblika u kantuniera ma' Triq Bronja.

In virtue of Article 52(1) of the Traffic Regulation Ordinance (Cap. 65), the Commissioner of Police hereby notifies that the transit and stopping of vehicles through the streets mentioned hereunder is prohibited on the dates and times indicated.

Paola

On Wednesday, 15th September, 2021, between 2.00 p.m. and 9.00 p.m., through Triq Ġużè D'Amato (BOV side) corner with Triq il-Lampuka.

Floriana

On Saturday, 18th September, 2021 from 6.00 a.m. till 1.00 a.m. of Tuesday, 21st September, 2021 through Triq San Publju from Triq l-Assedju l-Kbir till Triq il-Miratur.

Marsaskala

On Saturday, 4th September, 2021, from 3.00 p.m. onwards, through Pjazza Dun Tarċis Agius.

Vehicles found in contravention to the order of this notice will be liable to be towed.

3rd September, 2021

POLICE NOTICE

No. 54

In virtue of Article 52(1) of the Traffic Regulation Ordinance (Cap. 65), the Commissioner of Police hereby notifies that the transit of vehicles from the streets mentioned hereunder will be suspended on the dates and times indicated.

Mqabba

On Sunday, 26th September, 2021, from 6.00 p.m. till 3.30 p.m., through Triq Santa Marija near Palazz Gollcher (clearance of 8-10 parking spaces).

Public transport will not be effected

Żurrieq

Till 6.00 a.m. of Saturday, 4th September, 2021, through Misraħ Repubblika, Triq San Mikiel corner with Misraħ Repubblika and corner with Triq Bronja.

Nhar il-Ħadd, 5 ta' Settembru, 2021, mis-6.00 p.m. sal-10.30 p.m., minn Triq il-Qrendi kantuniera ma' Triq il-Bebbux u kantuniera ma' Triq il-Ġwiewel.

Trasport pubbliku se jiġi affettwat.

Vetturi li jiksru l-ordni ta' dan l-avviż ikunu suġġetti li jiġu rmunkati.

It-3 ta' Settembru, 2021

TRANSPORT MALTA

Avviż Lokali lill-Baħħara Nru. 134 tal-2021

Spezzjoni bl-għadis fuq relitt irrappurtat fil-Port ta' Marsaxlokk

Id-Direttorat tal-Portijiet u l-Yachting, Transport Malta, javża lill-baħħara u lis-sidien tal-bastimenti li se ssir spezzjoni bl-għadis fuq relitt irrappurtat fil-Port ta' Marsaxlokk nhar it-Tlieta, 7 ta' Settembru, 2021, bejn it-8.00 a.m. u nofsinhar.

L-ispezzjoni bl-għadis se tiġi rreġistrata bl-awdjo/viżwalment u se ssir fil-post approssimattiv kif muri fis-sit elettroniku ta' Transport Malta (www.transport.gov.mt).

Pożizzjoni	Latitudni (T)	Longitudni (L)
A	35° 50'.287	014° 32'.752

L-ispezzjoni bl-għadis għandha ssir bl-għajnuna ta' RIBH ta' 5m li se jkun qed juri il-Bandiera tal-Kodiċi Internazzjonali tas-Sinjali A.

Matul l-istħarriġ għandha tinżamm żona ta' sigurezza ta' 50 metru madwar il-bastiment ta' appoġġ.

Il-kaptani u l-operaturi tal-bastimenti huma avżati biex joqogħdu attenti, jinnavigaw b'kawtela u bil-mod meta jbaħħru qrib iż-żona indikata hawn fuq, u għandhom jikkoperaw mal-kuntrattur fuq il-post.

Kwalunkwe struzzjoni maħruġa fuq VHF channel 14 u/jew 16 minn Marsaxlokk VTS jew aġenzija tal-infurzar fuq il-post għandha tiġi osservata.

Chart affettwata: BA 36

It-3 ta' Settembru, 2021

On Sunday, 5th September, 2021, from 6.00 p.m. till 10.30 p.m., through Triq il-Qrendi corner with Triq il-Bebbux and corner with Triq il-Ġwiewel.

Public transport will be effected

Any vehicles found parked in contravention to the order of this notice are liable to be towed away.

3rd September, 2021

TRANSPORT MALTA

Local Notice to Mariners No. 134 of 2021

Diving inspection on a reported wreck at Il-Port ta' Marsaxlokk

The Ports and Yachting Directorate, Transport Malta, notifies mariners and owners of vessels that a diving inspection on a reported wreck at Il-Port ta' Marsaxlokk will be carried out on Tuesday, 7th September, 2021, between 8.00 a.m. and noon.

The diving inspection will be audio/visually recorded and will be carried out at the approximate location, as shown on Transport Malta website (www.transport.gov.mt).

Position	*Latitude (N)*	*Longitude (E)*
A	35° 50'.287	014° 32'.752

The diving inspection will be carried out with the assistance of a 5m RIBH which will be displaying the International Code of Signals Flag A.

A safety zone of 50m round the support vessel is to be kept during the surveys.

Masters and operators of vessels are advised to keep a sharp lookout, navigate with caution, and at slow speed when navigating close to the above indicated area, and they are to cooperate with the contractor on site.

Any instructions issued on VHF channel 14 and/or 16 by Marsaxlokk VTS and any enforcement agency on site, are to be complied with.

Chart affected: BA 36

3rd September, 2021

TRANSPORT MALTA

Avviż lill-Baħħara Nru. 35 tal-2021

Korrezzjoni taċ-Ċhart – Foul Area
(Ankra u katina mitlufa)

Qed issir referenza għal BA Chart 2538 – Malta.

Id-Direttorat tal-Portijiet u l-Yachting, Transport Malta, jgħarraf lill-Baħħara li ntilfu ankra u katina fix-Xlokk ta' bunkering area 4, fil-pożizzjoni approssimattiva li ġejja:

Daħħal is-simbolu (#) li jindika foul area b'raġġ ta' 500m, fil-pożizzjoni.

Latitudni (T)	*Longitudni (L)*
35° 48'.724	014° 35'.994

Pożizzjonijiet b'referenza għal WGS 84 DATUM.

Charts affettwati: BA Chart 2538, 194

It-3 ta' Settembru, 2021

MINISTERU GĦALL-ENERĠIJA, L-INTRAPRIŻA U L-IŻVILUPP SOSTENIBBLI

Pożizzjoni ta' Project Administrator f'Parks Malta fil-Ministeru għall-Enerġija, l-Intrapriża u l-Iżvilupp Sostenibbli

Nomenklaturi li jindikaw il-maskil jinkludu wkoll il-femminil.

1. Is-Segretarju Permanenti, Ministeru għall-Enerġija, l-Intrapriża u l-Iżvilupp Sostenibbli, jilqa' applikazzjonijiet għall-pożizzjoni ta' Project Administrator f'Parks Malta fil-Ministeru għall-Enerġija, l-Intrapriża u l-Iżvilupp Sostenibbli.

Din il-pożizzjoni se tkun kofinanzjata mill-Unjoni Ewropea taħt il-Programm Operattiv I – Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej 2014-2020 'It-trawwim ta' ekonomija kompetittiva u sostenibbli li tilqa' l-isfidi tagħna'.

TRANSPORT MALTA

Notice to Mariners No. 35 of 2021

Chart Correction – Foul Area
(Lost anchor and chain)

Reference is made to BA Chart 2538 – Malta.

The Ports and Yachting Directorate, Transport Malta, notifies Mariners that an anchor and chain were lost to the South-East of bunkering area 4, in the following approximate position:

Insert symbol (#) indicating a foul area with a 500m radius, in position.

Latitude (N)	*Longitude (E)*
35° 48'.724	014° 35'.994

Positions are referred to WGS 84 DATUM.

Charts affected: BA Chart 2538, 194

3rd September, 2021

MINISTRY FOR ENERGY, ENTERPRISE AND SUSTAINABLE DEVELOPMENT

Position of Project Administrator in Parks Malta in the Ministry for Energy, Enterprise and Sustainable Development

Nomenclatures denoting the male gender include also the female gender.

1. The Permanent Secretary, Ministry for Energy, Enterprise and Sustainable Development, invites applications for the position of Project Administrator in Parks Malta within the Ministry for Energy, Enterprise and Sustainable Development.

This position shall be co-financed by the European Union under Operational Programme I – European Structural and Investment Funds 2014-2020 'Fostering a competitive and sustainable economy to meet our challenges'.

Tul tal-Assenjament u Kundizzjonijiet

2.1 Persuna magħżula tidħol f'assenjament ta' sentejn (2) bħala Project Administrator f'Parks Malta li jista' jiġi mġedded għal perjodi oħra.

2.2 Il-pożizzjoni ta' Project Administrator hija suġġetta għal perjodu ta' prova ta' tnax-il (12) xahar.

2.3 Peress li din hija pożizzjoni marbuta ma' terminu ta' żmien fiss jew tkomplija ta' biċċa xogħol speċifika, il-pożizzjoni ta' Project Administrator taqa' taħt Regolament 7(4) tal-Liġi Sussidjarja 452.81 intitolat u għaldaqstant dan jikkostitwixxi raġuni oġġettiva skont ir-'Regolamenti dwar Kuntratti ta' Servizz għal Żmien Fiss'.

2.4 Uffiċjal li jkollu pożizzjoni ta' natura definita (jiġifieri b'raġuni oġġettiva), li jinsab fl-aħħar erba' (4) xhur tat-terminu definit tiegħu, jista' japplika lateralment, anke jekk il-pożizzjoni reklamata għandha l-istess speċjalizzazzjoni li huwa għandu bħalissa.

2.5 L-aċċettazzjoni ta' ħatra f'din il-pożizzjoni tfisser li kwanlunkwe applikazzjoni pendenti fi ħdan is-Servizz Pubbliku awtomatikament titqies bħala rinunzjata, sakemm dawn tal-aħħar ma jkunux applikazzjonijiet għal pożizzjonijiet SAAC jew applikazzjonijiet għal pożizzjoni definita meta l-uffiċjal ikkonċernat ikollu ħatra indefinita.

Salarju Marbut mal-Pożizzjoni

3. Is-salarju marbut mal-pożizzjoni ta' Project Administrator huwa ekwivalenti għal Skala ta' Salarju 7 (li fis-sena 2021 huwa ta' €25,656 li jitla' b'żidiet fis-sena ta' €531.17 sa massimu ta' €28,843).

Dmirijiet

4. Id-dmirijiet għal din il-pożizzjoni ta' Project Administrator huma li:

i. Jippjana u jikkordina l-Proġett Rainwater Integrated Infrastructure Network;

ii. Ifassal dokumenti tat-tenders inkluż bit-tħejjija ta' speċifikazzjonijiet tekniċi relatati mat-twettiq ta' studji/surveys tekniċi fuq infrastruttura li tilqa' l-ilma (inkluż digi u ġibjuni) li jinsabu fiż-żoni ewlenin f'Malta, fejn jinġabar l-ilma;

iii. Jirrevedi studji tekniċi, surveys u disinni relatati ma' infrastruttura għall-ilqugħ tal-ilma kif żviluppati mill-konsultenti;

Duration of Assignment and Conditions

2.1 A selected candidate will enter into a two (2) year assignment as a Project Administrator in Parks Malta, which may be renewed for further periods.

2.2 The position of Project Administrator is subject to a probationary period of one (1) year.

2.3 Since this is a position which is time-barred or linked to the completion of a specific task, the position of Project Administrator constitutes an objective reason which falls under Regulation 7 (4) of Subsidiary Legislation 452.81 entitled 'Contracts of Service for a Fixed Term Regulations'.

2.4 An officer holding a position of a definite nature (i.e. with objective reason), who is in the last (4) months of his/her definite term, may apply laterally, even if the advertised position carries the same specialisation that s/he currently holds.

2.5 Accepting appointment in this position signifies that any pending applications within the Public Service are automatically considered renounced, unless the latter are applications for SAAC positions or applications for a definite position when the officer concerned holds an indefinite appointment.

Salary Pegged to the Position

3. The Salary attached to the position of Project Administrator is equivalent to Salary Scale 7 (which in the year 2021 is €25,656 rising by annual increments of €531.17 up to a maximum of €28,843).

Duties

4. The job duties for the position of Project Administrator are:

i. Planning and co-ordinating the RainWater Integrated Infrastructure Network;

ii. Drawing up of tenders documents including the preparation of technical specifications related to the carrying out of technical studies/surveys of water-retention infrastructure (including dams and reservoirs) found in Malta's main water catchment areas;

iii. Reviewing technical studies, surveys and designs related to water retention infrastructure developed by consultants;

iv. Jirrevedi u jinterpreta mapep, ritratti mill-ajru, data u rapporti ta' investigazzjonijiet li jsiru fuq is-siti;

v. Iwettaq u jassigura li l-implimentazzjoni tal-proġett qed issir ukoll permezz ta' superviżjoni tax-xogħlijiet fuq is-sit;

vi. Iżomm kuntatt u jikkollabora ma' periti u uffiċjali oħra mill-Ministeru għat-Trasport, Infrastruttura u Proġetti Kapitali (MTIP), sħab benefiċjarji fil-Proġett RainWiin;

vii. Jipparteċipa f'riċerka u attivitajiet oħra mmirati sabiex itejbu t-teknika u l-metodi użati u jikkollabora mat-tim multidixxiplinarju tat-Taqsima tal-Valley Management ta' Parks Malta;

viii. Jassisti lill-Project Leader fil-monitoraġġ u r-rappurtaġġ tal-azzjonijiet tal-proġett;

ix. Jikkontribwixxi fl-iżvilupp ta' pubblikazzjonijiet u letteratura xjentifika oħra;

x. Iwettaq kwalunkwe kompitu ieħor li s-superjur jista' jiddelega lilu/ha, kif jista' jkun meħtieġ;

xi. Iwettaq kwalunkwe dmir ieħor hekk kif ordnat mis-Segretarju Permanenti Ewlieni.

Rekwiżiti tal-Eliġibbiltà

5.1 Sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, l-applikanti għandhom ikunu:

i. a. ċittadini ta' Malta; jew

b. ċittadini ta' Stati Membri oħra tal-Unjoni Ewropea li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impjieg bis-saħħa ta' leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati dwar iċ-ċaqliq ħieles tal-ħaddiema; jew

c. ċittadini ta' kwalunkwe pajjiż ieħor li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impjieg minħabba li jkunu japplikaw għal dak il-pajjiż b'leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati dwar iċ-ċaqliq ħieles tal-ħaddiema; jew

d. kwalunkwe persuni oħra li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impjieg permezz tar-relazzjoni familjari tagħhom ma'

iv. Reviewing and interpreting maps, aerial photos, data, and field investigations reports;

v. Carrying out and ensures that the implementation of the project is also being carried out site through supervision of works;

vi. Liaising and collaborating with architects and other personnel from the Ministry for Transport, Infrastructure and Capital Projects (MTIP) and other beneficiary partners in the RainWiin Project;

vii. Participating in research and other activities aimed at upgrading techniques and methods and collaborating with a multidisciplinary Parks Malta (Valley Management) team;

viii. Assisting the Project Leader in the monitoring and reporting of the project actions;

ix. Contributing to the development of publications and other scientific literature;

x. Undertakes any other tasks, which the superior may delegate to him/her, as may be required;

xi. Undertakes any other duties as directed by the Principal Permanent Secretary.

Eligibility Requirements

5.1 By the closing time and date of this call for applications, applicants must be:

i. a. citizens of Malta; or

b. citizens of the other Member States of the European Union who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters of employment by virtue of EU legislation and treaty provisions dealing with the free movement of workers; or

c. citizens of any other country who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters related to employment by virtue of the application to that country of EU legislation and treaty provisions dealing with the free movement of workers; or

d. any other persons who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters related to employment in terms of the law or the above-mentioned EU legislation and treaty

persuni msemmija f'(a), (b) jew (c), skont kif hemm fil-liġi jew fil-leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati msemmija hawn fuq; jew

e. ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu ngħataw status ta' residenti li joqogħdu għal żmien twil f'Malta taħt ir-regolament 4 tar-Regolamenti tal-2006 dwar 'Status ta' Residenti li joqogħdu għal Żmien Twil (Ċittadini ta' Pajjiżi Terzi)', jew li jkunu ngħataw permess ta' residenza taħt ir-regolament 18(3) tal-istess regolamenti, flimkien mal-membri tal-familja ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu ngħataw permess ta' residenza taħt ir-Regolamenti tal-2007 dwar ir-Riunifikazzjoni tal-Familji; jew

f. Fil-pussess ta' dokument tar-residenza maħruġ skont id-dokument 'Status ta' Residenza ta' Ċittadini tar-Renju Unit u l-Membri tal-Familja tagħhom f'Malta skont il-Ftehim dwar l-Irtirar tar-Renju Unit u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u r-Regolamenti tal-Komunità Ewropea dwar l-Enerġija Atomika'.

Għandu jintalab il-parir tat-Taqsima taċ-Ċittadinanza fi ħdan l-Aġenzija Komunità Malta u tat-Taqsima tal-Espatrijati fi ħdan l-Aġenzija Identità Malta skont il-ħtieġa fl-interpretazzjoni tad-dispożizzjonijiet imsemmija hawn fuq.

Il-ħatra ta' kandidati msemmija f'(b), (c), (d) u (e) hawn fuq teħtieġ il-ħruġ ta' liċenzja tax-xogħol f'dawk il-każijiet fejn hija meħtieġa skont l-Att dwar l-Immigrazzjoni u leġiżlazzjoni sussidjarja. Jobsplus għandha tiġi kkonsultata skont il-ħtieġa dwar din il-materja.

ii. kapaċi jikkomunikaw bil-lingwa Maltija u l-lingwa Ingliża;

iii. (a) ikollhom fil-pussess ta' kwalifika Masters degree f'Livell 7 tal-MQF (suġġetta għall-minimu ta' 60 krettu ECTS/ECVET, jew ekwivalenti*) fil-Project Management jew fl-Idroloġija (Xjenza tal-Ilma) jew fix-Xjenza/Management Ambjentali, flimkien ma' sena (1) esperjenza ta' xogħol rilevanti; JEW

(b) fil-pussess ta' kwalifika Bachelors degree f'Livell 6 tal-MQF (suġġetta għallminimu ta' 180 krettu ECTS/ECVET, jew ekwivalenti*) fil-Project Management jew fl-Idroloġija (Xjenza tal-Ilma) jew fix-Xjenza/Management Ambjentali, flimkien ma' tliet snin (3) esperjenza ta' xogħol rilevanti; JEW

(c) Uffiċjali Pubbliċi fi Skala ta' Salarju mhux inqas minn Skala 10, li l-ħatra tagħhom f'din l-iskala ġiet ikkonfermata, jew impjegati tas-Settur Pubbliku li bħalissa qed jaqdu dmirijiet fis-Servizz Pubbliku jew ħaddiema tal-RSSL, li

provisions, on account of their family relationship with persons mentioned in paragraph (a), (b) or (c); or

e. third country nationals who have been granted long-term resident status in Malta under regulation 4 of the 'Status of Long-Term Residents (Third Country Nationals) Regulations, 2006' or who have been granted a residence permit under regulation 18(3) thereof, together with family members of such third country nationals who have been granted a residence permit under the 'Family Reunification Regulations, 2007'; or

f. in possession of a residence document issued in terms of the 'Residence Status of United Kingdom Nationals and their Family Members in Malta in accordance with the Agreement on the Withdrawal of the United Kingdom and Northern Ireland from the European Union and the European Atomic Energy Community Regulations'.

The advice of the Citizenship Unit within Community Malta Agency and the Expatriates Unit within Identity Malta Agency should be sought as necessary in the interpretation of the above provisions.

The appointment of candidates referred to at (b), (c), (d) and (e) above would necessitate the issue of an employment licence in so far as this is required by the Immigration Act and subsidiary legislation. Jobsplus should be consulted as necessary on this issue.

ii. able to communicate in the Maltese and English languages;

iii. (a) in possession of a recognised Masters degree at MQF Level 7 (subject to a minimum of 60 ECTS/ECVET credits, or equivalent*) in Project Management or Hydrology (Water Science) or Environmental Science/Management , plus one (1) year relevant work experience; OR

(b) in possession of a recognised Bachelors degree at MQF Level 6 (subject to a minimum of 180 ECTS/ECVET credits, or equivalent*) in Project Management or Hydrology (Water Science) or Environmental Science/Management plus three (3) years relevant work experience; OR

(c) are Public Officers in a Scale not below Scale 10, whose appointment in such scale has been confirmed, or Public Sector employees performing duties in the Public Service or RSSL employees, both at a comparable level of

huma f'livell ta' responsabbiltà kumparabbli u li l-ħatra tagħhom f'dan il-livell ġiet ikkonfermata, flimkien ma' sitt snin (6) esperjenza ta' xogħol rilevanti.

*Fin-nuqqas ta' evidenza dokumentata dwar il-kretti ECTS/ECVET jew sistema oħra ta' kejl tal-kontenut tal-kors, il-bord tal-għażla għandu jevalwa l-programm ta' studju sottomess u jiddetrmina li huwa komparabbli ma' 60/180 krettu ECTS/ECVET (skont kif applikabli). Jista' jintalab il-parir tal-MQRIC.

iv. Uffiċjali pubbliċi li japplikaw għal din il-pożizzjoni jridu jkunu kkonfermati fil-ħatra kurrenti tagħhom.

5.2 (i) Kwalifiki f'livell ogħla minn dak imsemmi hawn fuq jiġu aċċettati għal finijiet ta' eliġibbiltà, sakemm jissodisfaw ir-rekwiżiti tas-suġġett speċifikat.

(ii) Barra minn hekk, kandidati li għadhom ma kisbux formalment l-ebda waħda mill-kwalifiki msemmija hawn fuq xorta jiġu kkunsidrati. Dawn il-kandidati għandhom jissottomettu evidenza li ġew approvati għall-għoti tal-kwalifika inkwistjoni.

(iii) Aktar minn hekk, kandidati li bħalissa qed isegwu programm ta' studju rikonoxxut f'livell tal-MQF ogħla minn dak mitlub hawn fuq jiġu kkunsidrati wkoll. Dawn il-kandidati għandhom jissottomettu evidenza li temmew b'suċċess il-kretti meħtieġa tal-ECTS/ECVETS, jew ekwivalenti, u laħqu l-livell tal-MQF meħtieġ, sal-ħin u d-data tal-għeluq tas-sejħa għall-applikazzjonijiet.

5.3 L-applikanti għandhom ikunu ta' kondotta xierqa għall-post li għalih saret l-applikazzjoni. Fil-każ ta' applikanti li diġà qegħdin fis-Servizz Pubbliku ta' Malta, il-GP 47 għandu jintalab mill-HR Unit tal-ministeru/dipartiment li joħroġ is-sejħa għall-applikazzjonijiet mingħand id-Direttur responsabbli għall-HR fejn l-applikanti jkunu qed iservu, filwaqt li dawk li japplikaw minn barra s-Servizz Pubbliku għandhom jipproduċu Ċertifikat tal-Kondotta maħruġ mill-Pulizija jew awotrità kompetenti oħra mhux aktar minn xahar (1) qabel id-data tal-applikazzjoni u jiddikjaraw jekk qatt kinux fis-Servizz tal-Gvern, u jagħtu d-dettalji.

5.4 Il-kandidati magħżula jridu jkunu eliġibbli għall-ħatra f'din il-pożizzjoni, skont 5.1 sa 5.3 hawn fuq, mhux biss sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, iżda wkoll fid-data tal-ħatra.

5.5 L-applikanti huma obbligati li jinfurmaw immedjatament lill-Bord tal-Għażla (jekk ir-riżultat għadu

responsibility and whose appointment in such level has been confirmed, with six (6) years relevant work experience.

*in absence of documentary evidence as the ECTS/ECVET credits or other systems of measuring in the course content, the selection board is to evaluate the submitted programme of the study determine that it is comparable to 60/180 ECTS/ECVET credits (as applicable). The advice of the MQRIC may be sought.

iv. Public Officers applying for this position must be confirmed in their current appointment.

5.2 (i) Qualifications at a level higher than that specified above will be accepted for eligibility purposes, provided they meet any specified subject requirements.

(ii) Moreover, candidates who have not yet formally obtained any of the above-mentioned qualifications will still be considered. Such candidates are to submit evidence that they have been approved for the award of the qualification in question.

(iii) Furthermore, candidates who are currently following a recognised programme of study at a higher MQF level than that requested above will also be considered. Such candidates are to submit evidence that they have successfully completed the necessary ECTS/ECVETS credits, or equivalent, and attained the required MQF level, by the closing time and date of the call for applications.

5.3 Applicants must be of conduct which is appropriate to the post applied for. In the case of applicants who are already in the Malta Public Service, the GP 47 is to be requested by HR Unit of the ministry /department issuing the call for application from the Director responsible for HR where applicants are serving, while those applying from outside the Public Service must produce a Certificate of Conduct issued by the Police or other competent authority not earlier than one (1) month from the date of application and state whether they have ever been in Government Service, giving details.

5.4 Applicants must be eligible to take up their due appointment, in terms of 5.1 to 5.3 above, not only by the closing time and date of this call for applications but also on the date of appointment.

5.5 Applicants are obliged to immediately inform the Selection Board (if result has not yet been published, in which

ma ġiex ippubblikat, f'liema każ l-applikazzjoni għandha tiġi rtirata mill-applikant), jew lill-HR Unit tal-ministeru/dipartiment minn fejn inħarġet is-sejħa (jekk ir-riżultat ikun ġie ppubblikat) dwar kwalunkwe bidla fl-istatus tal-ħatra tagħhom mid-data tas-sottomissjoni tal-applikazzjoni sad-data tal-għeluq, jew ħekk kif jiġu msejħa għall-ħatra bħala riżultat ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, skont il-każ. In-nuqqas ta' osservanza ta' din l-istruzzjoni jista' jwassal għal azzjoni dixxiplinarja. Min-naħa tiegħu, fil-bidu tal-intervista, il-Bord tal-Għażla għandu jitlob lill-kandidat jiddikjara kull bidla fl-istatus tal-ħatra attwali tiegħu/tagħha mid-data tas-sottomissjoni tal-applikazzjoni.

5.6 L-applikanti prospettivi għandhom jaraw id-dispożizzjonijiet ġenerali marbuta ma' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet fejn jikkonċerna s-sottomissjoni ta' dikjarazzjoni ta' rikonoxximent tal-kwalifiki mingħand l-MQRIC, jew awtorita' pertinenti oħra, kif applikabbli (ara l-ħolqa aktar 'l isfel).

Sottomissjoni ta' Dokumentazzjoni

6.1 Il-kwalifiki u l-esperjenza li l-persuna jkollha għandhom jintwerew b'ċertifikati u/ jew dokumenti, li kopja tagħhom għandha tkun skennjata u mibgħuta permezz tar-Recruitment Portal (https://recruitment.gov.mt).

6.2. Id-dokumenti oriġinali għandhom, mingħajr eċċezzjoni, jintwerew waqt l-intervista.

Proċeduri tal-Għażla

7.1 L-applikanti eliġibbli jiġu assessjati minn bord tal-għażla biex jiġi ddeterminat min hu adatt għall-pożizzjoni. Il-marka massima għal dan il-proċess tal-għażla hija 100% u l-marka li persuna trid iġġib biex tgħaddi hija 50%.

7.2 Tingħata kunsiderazzjoni xierqa lill-kandidati li, minbarra dak rikjest f'paragrafi 5.1 sa 5.5, għandhom esperjenza ta' xogħol rilevanti u ppruvata.

Sottomissjoni tal-Applikazzjoni

8.1 L-applikazzjonijiet għandhom jiġu sottomessi, għall-attenzjoni tal-Uffiċċju tar-Riżorsi Umani, fi ħdan id-Direttorat għas-Servizzi Korporattivi, Ministeru għall-Enerġija, l-Intrapriża u l-Iżvilupp Sostenibbli, permezz tar-Recruitment Portal **biss** (https://recruitment.gov.mt). L-applikazzjonijiet għandhom jinkludu Curriculum Vitae (li għandu jinkludi lista tal-kwalifiki tal-applikant). Dawk li japplikaw minn barra s-Servizz Pubbliku għandhom jipproduċu Ċertifikat tal-Kondotta skont kif applikabbli, li tali dokument irid ikun maħruġ mhux aktar minn xahar (1) qabel id-data tal-applikazzjoni, f'format PDF, li għandhom jintbagħtu permezz tal-portal. Id-data tal-għeluq tal-applikazzjonijiet hija s-1.30 p.m. (Ħin Ċentrali Ewropew) ta' nhar it-Tnejn, 20 ta' Settembru, 2021. Ittra elettronika ġġenerata mill-

case the application should be withdrawn by the applicant) or the HR Unit within the issuing ministry/department (if result has been published) upon any change in the status of their appointment from the date of submission of their application until the closing date, or upon being called for appointment as a result, of this call for application, as the case may be. Non-observance of this instruction may lead to disciplinary action. On its part, at the start of the interview, the Selection Board will request the candidate to declare any changes in status of his/her current appointment from the date of submission of application.

5.6 Prospective applicants should note the requirement to produce MQRIC recognition statements in respect of their qualifications from MQRIC, or other designated authorities, as applicable, as per provisions applicable to this call for applications (see link below).

Submission of Supporting Documents

6.1 Qualifications and experience claimed must be supported by certificates and/or testimonials, copies of which are to be scanned and sent through the Recruitment Portal (https://recruitment.gov.mt).

6.2 Original certificates and/or testimonials are to be invariably produced for verification at the interview.

Selection Procedures

7.1 Eligible applicants will be assessed by a selection board to determine their suitability for the position. The maximum mark for this selection process is 100% and the pass mark is 50%.

7.2 Due consideration will be given to applicants who, besides the requisites indicated in paragraphs 5.1 to 5.5, have proven relevant work experience.

Submission of Applications

8.1 Applications are to be submitted, for the attention of the Human Resource Office within the Corporate Services Directorate, Ministry for Energy, Enterprise and Sustainable Development through the Online Government Recruitment Portal **only** (https://recruitment.gov.mt). Applications are to include a Curriculum Vitae (which should include a list of qualifications held by applicant). Those applying from outside the Public Service must produce a Certificate of Conduct which has been issued not earlier than one (1) month from the date of application, in PDF format, which are to be uploaded through the portal. The closing date of the receipt of applications is 1.30 p.m (Central European Time) of Monday, 20th September, 2021. A computer-generated email will be sent as an acknowledgement of the application.

kompjuter tintbagħat bħala rċevuta tal-applikazzjoni. Aktar dettalji dwar is-sottomissjoni tal-applikazzjonijiet jinsabu fid-dispożizzjonijiet ġenerali msemmija hawn isfel.

8.2 Hija r-responsabbiltà tal-applikanti li ma jħallux sal-aħħar tletin (30) minuta biex jissottemettu l-applikazzjoni tagħhom.

8.3 Applikazzjonijiet li jaslu wara d-data u l-ħin tal-għeluq (i.e. applikazzjonijiet tard) ma jiġux aċċettati.

8.4 Applikanti jingħataw sa jumejn (2) xogħol wara d-data tal-għeluq jew sa jumejn (2) xogħol mid-data tan-notifika, liema tiġi l-aħħar, biex jissottomettu dokumenti mhux korretti jew mhux mimlija kif suppost jew nieqsa.

Dispożizzjonijiet Ġenerali Oħra

9. Dispożizzjonijiet ġenerali oħra dwar din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, b'referenza partikolari għal:

benefiċċji applikabbli, kundizzjonijiet u regoli/regolamenti;
bdil raġonevoli għall-persuni rreġistrati b'diżabbiltà;

sottomissjoni ta' dikjarazzjoni ta' rikonoxximent dwar il-kwalifiki;
pubblikazzjoni tar-riżultat;
il-proċess sabiex tiġi sottomessa petizzjoni dwar ir-riżultat;
eżami mediku;
aċċess għall-formola tal-applikazzjoni u dettalji relatati;
żamma ta' dokumenti,

jistgħu jiġu aċċessati permezz tas-sit elettroniku tad-Diviżjoni dwar Nies u Standards (https://recruitmentintra.gov.mt/generalprovisions/GeneralProvisionsMT.pdf) jew jinkisbu mill-Uffiċċju tar-Riżorsi Umani fi ħdan id-Direttorat għas-Servizzi Korporattivi, Ministeru għall-Enerġija, l-Intrapriża u l-Iżvilupp Sostenibbli, Remote Workspaces, MF Business Centre (Livell 2), Nru. 3, Triq Galanton Vassallo, Santa Venera. Dawn id-dispożizzjonijiet ġenerali għandhom jiġu meqjusa bħala parti integrali minn din is-sejħa għall-applikazzjonijiet.

Is-sit elettroniku u l-indirizz elettroniku tad-Direttorat huma (https://energy.gov.mt) u (hr.mesd@gov.mt).

It-3 ta' Settembru, 2021

Further details concerning the submission of applications are contained in the general provisions referred to below.

8.2 It is the responsibility of the applicants not to leave until the last thirty (30) minutes for submission of their application.

8.3 Applications which are received after closing date and time (i.e. late applications) are not allowed.

8.4 Applicants are granted up to two (2) working days after closing date or up to two (2) working days from date of notification, whichever is the latter, to submit any incorrect or incomplete or missing documents.

Other General Provisions

9. Other general provisions concerning this call for applications, with particular reference to:

applicable benefits, conditions and rules/regulations;
reasonable accommodation for registered persons with disability;
the submission of recognition statements in respect of qualifications;
the publication of the result;
the process for the submission of petitions concerning the result;
medical examination;
access to application forms and related details;
retention of documents,

may be viewed by accessing the website of the People and Standards Division (https://recruitmentintra.gov.mt/generalprovisions/GeneralProvisionsEN.pdf) or may be obtained from the Human Resource Office within the Corporate Services Directorate, Ministry for Energy, Enterprise and Sustainable Development, Remote Workspaces, MF Business Centre (Level 2), No. 3, Triq Galanton Vassallo, Santa Venera. These general provisions are to be regarded as an integral part of this call for applications.

The website address and email address of the receiving Directorate are (https://energy.gov.mt) and (hr.mesd@gov.mt).

3rd September, 2021

Programm Operattiv I – Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej 2014-2020
'It-trawwim ta' ekonomija kompetittiva u sostenibbli li tilqa' l-isfidi tagħna'
Proġett parzjalment iffinanzjat mill-Fond ta' Koeżjoni
Rata ta' kofinanzjament: 85% Fondi mill-Unjoni Ewropea; 15% Fondi Nazzjonali

Operational Programme I – European Structural and Investment Funds 2014-2020
'Fostering a competitive and sustainable economy to meet our challenges'
Project part-financed by the Cohesion Fund
Co-financing rate: 85% European Union; 15% National Funds

MINISTERU GĦAS-SAĦĦA

Pożizzjoni ta' Higher Specialist Trainee (Varji) fil-Ministeru għas-Saħħa

Nomenklaturi li jindikaw il-maskil jinkludu wkoll il-femminil.

1. Id-Direttur Ġenerali (People Management), Ministeru għas-Saħħa, tilqa' applikazzjonijiet għall-pożizzjoni ta' Higher Specialist Trainee (Varji) fil-Ministeru għas-Saħħa.

1. 2 Vakanzi jeżistu fl-ispeċjalitajiet li ġejjin:

1. Mediċina tal-Aċċident u Emergenza fid-Dipartiment tal-Aċċident u Emerġenza;
2. Anestetika u Kura Intensiva fid-Dipartiment tal-Anestesija, Kura Intensiva, u Maniġġ tal-Ugigħ;
3. Baromediċina fid-Dipartiment tal-Mediċina;
4. Kardjoloġija fid-Dipartiment tas-Servizzi Kardjaċi;
5. Dermatoloġija fid-Dipartiment tad-Dermatoloġija u Venereoloġija;
6. Endokrinoloġija, Dijabete u Mediċina Ġenerali fid-Dipartiment tal-Mediċina;
7. Gastroenteroloġija u Mediċina Ġenerali fid-Dipartiment tal-Mediċina;
8. Mediċina Ġenerali/Interna fid-Dipartiment tal-Mediċina;
9. Kirurġija Ġenerali fid-Dipartiment tal-Kirurġija;
10. Ġenetika fid-Dipartiment tal-Patoloġija;
11. Mediċina Ġenito-urinarja fid-Dipartiment tad-Dermatoloġija u Venereoloġija;
12. Ġerjatrija fid-Dipartiment tal-Ġerjatrija;
13. Immaġni Mediċi fid-Dipartiment tal-Immaġni Mediċi;
14. Mikrobijoloġija Medikali (inkluż Batterjoloġija, Viroloġija, Mikoloġija, Parasitoloġija u Kontroll Infettiv) fid-Dipartiment tal-Patoloġija;
15. Mard Infettiv u Mediċina Ġenerali fid-Dipartiment tal-Mediċina;
16. Neonatoloġija fid-Dipartiment għas-Saħħa tat-Tfal u Adolexxenti;
17. Nefroloġija u Mediċina Ġenerali fid-Dipartiment tal-Mediċina;
18. Newroloġija fid-Dipartiment tan-Newroxjenzi;
19. Ostetriċja u Ġinekoloġija fid-Dipartiment tal-Ostetriċja u Ġinekoloġija;
20. Onkoloġija fid-Dipartiment tal-Imatoloġija u Onkoloġija;
21. Kirurġija Ortopedika fid-Dipartiment tal-Kirurġija Ortopedika, Trawma u Mediċina tal-Isports;
22. Otorinolaringoloġija fid-Dipartiment tal-Otorinolaringoloġija;
23. Pedjatrija fid-Dipartiment għas-Saħħa tat-Tfal u Adolexxenti;
24. Pedjatrija b'interess speċjali fin-Newroloġija fid-Dipartiment għas-Saħħa tat-Tfal u Adolexxenti;

MINISTRY FOR HEALTH

Position of Higher Specialist Trainee (Various) in the Ministry for Health

Nomenclatures denoting the male gender include also the female gender.

1. The Director General (People Management), Ministry for Health, invites applications for the position of Higher Specialist Trainee (Various) in the Ministry for Health.

1. 2 Vacancies exist in the following specialties:

1. Accident and Emergency Medicine in the Department of Accident and Emergency;
2. Anaesthetics and Intensive Care in the Department of Anaesthesia, Intensive Care and Pain Management;
3. Baromedicine in the Department of Medicine;
4. Cardiology in the Department of Cardiac Services;
5. Dermatology in the Department of Dermatology and Venerology;
6. Endocrinology, Diabetes and General Medicine in the Department of Medicine;
7. Gastroenterology and General Medicine in the Department of Medicine;
8. General/Internal Medicine in the Department of Medicine;
9. General Surgery in the Department of Surgery;
10. Genetics in the Department of Pathology;
11. Genito-urinary Medicine in the Department of Dermatology and Venerology;
12. Geriatrics in the Department of Geriatrics;
13. Medical Imaging in the Department of Medical Imaging;
14. Medical Microbiology (including Bacteriology, Virology, Mycology, Parasitology and Infection Control) in the Department of Pathology;
15. Infectious Disease and General Medicine in the Department of Medicine;
16. Neonatology in the Department of Child and Adolescent Health;
17. Nephrology and General Medicine in the Department of Medicine;
18. Neurology in the Department of Neuroscience;
19. Obstetrics and Gynaecology in the Department of Obstetrics and Gynaecology;
20. Oncology in the Department of Haematology and Oncology;
21. Orthopaedic Surgery in the Department of Orthopaedics Surgery, Trauma and Sports Medicine;
22. Othorhinolaryngology in the Department of Othorhinolaryngology
23. Paediatrics in the Department of Child and Adolescent Health;
24. Paediatrics with special interest in Neurology in the Department of Child and Adoloscent Health;

25. Pedjatrija b'interess speċjali fil-Pedjatrija Onkoloġika fid-Dipartiment għas-Saħħa tat-Tfal u Adolexxenti;

26. Kirurġija Pedjatrika fid-Dipartiment tal-Kirurġija;

27. Mediċina Palljattiva fid-Dipartiment tal-Imatoloġija u Onkoloġija;

28. Kirurġija tal-Plastika fid-Dipartiment tal-Kirurġija;

29. Psikjatrija fid-Dipartiment tal-Psikjatrija;

30. Mediċina għas-Saħħa Pubblika fid-Dipartiment tas-Saħħa Pubblika;

31. Mediċina Respiratorja u Mediċina Ġenerali fid-Dipartiment tal-Mediċina;

32. Rumatoloġija u Mediċina Ġenerali fid-Dipartiment tal-Mediċina;

33. Uroloġija fid-Dipartiment tal-Kirurġija;

34. Kirurġija Vaskulari fid-Dipartiment tal-Kirurġija.

Tul tal-Assenjment u Kundizzjonijiet

2.1 Huwa maqbul li limitu totali ta' għaxar (10) snin full-time, jew żmien ekwivalenti, jingħata sabiex jitlesta t-taħriġ speċjalizzat (inkluż Higher Specialist Training kif ukoll Basic Specialist Training), bl-esklużjoni tal-maternity, parental, sick, responsibility jew study leave; tali leave ta' studju m'għandux ikun parti mill-programm ta' taħriġ approvat. Il-kompjutazzjoni tal-għaxar (10) snin mill-bidu tat-taħriġ speċifiku fl-ispeċjalità xierqa ma jinkludix il-perjodu tal-foundation. Fejn persuna maħtura ma tlestix it-taħriġ tagħha fil-perjodu ta' għaxar (10) snin, il-ministeru jżomm id-dritt li jagħmel redeployment tal-persuna maħtura fl-istaff grade xieraq skont l-eżiġenzi tas-servizz. Tali tobba jibqgħu fl-istess skala ta' salarju li jkunu ottjenew u jkunu rreferuti bħala Medical Officer in Staff Grade.

2.2 Il-pożizzjoni ta' Higher Specialist Trainee hija suġġetta għal perjodu ta' prova ta' tnax-il (12) xahar.

2.3 Qed jiġi nnutat li l-Liġi Sussidjarja 452.81 intitolata 'Regolamenti dwar Kuntratti ta' Servizz għal Żmien Fiss' mhix applikabbli fil-każ tal-proċess tal-għażla bis-saħħa tar-Regolament 3 (2(c) tiegħu.

2.4 Persuna maħtura titħalla teżerċita l-professjoni privatament kemm-il darba:

(a) dan isir strettament barra mill-ħinijiet uffiċjali tax-xogħol tagħha; u

(b) dan ma jfixkilx jew ma jmurx kontra d-dmirijiet uffiċjali tagħha jew l-eżiġenzi tas-servizz.

2.5 Uffiċjal li jkollu pożizzjoni ta' natura definita (jiġifieri b'raġuni oġġettiva), li jinsab fl-aħħar erba' (4) xhur tat-terminu definit tiegħu, jista' japplika lateralment, anke jekk il-pożizzjoni reklamata għandha l-istess speċjalizzazzjoni li huwa għandu bħalissa.

25. Paediatric with special interest in Paediatric Oncology in the Department of Child and Adolescent Health;

26. Paediatric Surgery in the Department of Surgery;

27. Palliative Medicine in the Department of Haematology and Oncology;

28. Plastic Surgery in the Department of Surgery;

29. Psychiatry in the Department of Psychiatry;

30. Public Health Medicine in the Department of Public Health;

31. Respiratory Medicine and General Medicine in the Department of Medicine;

32. Rheumatology and General Medicine in the Department of Medicine;

33. Urology in the Department of Surgery;

34. Vascular Surgery in the Department of Surgery.

Duration of Assignment and Conditions

